MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2668/1996/2

**Jennifer Portelli f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha Francesca, Andrea u Christina Portelli**

**vs**

**John Portelli**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Settembru 1996 a fol. 1 tal-process, fejn l-attrici ppremettiet:

illi l-hajja konjugali bejn il-konvenut u l-attrici konjugi Portelli ma ghadhiex aktar possibbli minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci w ingurji gravi da parti tal-konvenut u b'hekk iz-zwieg tfarrak b'mod irrimedjabbli;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Marzu 1995, liema digriet gie regolarment prorogat;

Illi l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid l-ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejnu u l-imsemmija martu Jennifer Portelli ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-istess Jennifer Portelli illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Francesca, Andrea u Christina ahwa Portelli wlied il-konvenut u l-imsemmija martu tigi fdata lill-istess Jennifer Portelli;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil martu Jennifer Portelli ghaliha u ghall-imsemmija wliedha dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta’ l-attrici;

5. Tapplika nternament jew in parti d-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Kodici Civili u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lil Jennifer Portelli u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta’ dina t-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-istess attrici Jennifer Portelli l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

8. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka d-dar matrimonjali illi hija proprjeta' parafernali tal-attrici;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process kif ukoll il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 4 tal-process.

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attrici fl-4 ta' Settembru 1996 u li jinsab a fol. 5 tal-process li permezz tieghu hija talbet lil din il-Qorti sabiex hija tigi nominata kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri ghall-finijiet tal-proceduri odjerni;

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici fil-5 ta' Jannar 1989 a fol. 16 tal-process li permezz tieghu hija talbet fl-ewwel lok li l-manteniment ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u pagabbli lilha u lil uliedha l-minuri jizdied u fit-tieni lok sabiex l-intimat, konvenut odjern, jigi ordnat jaderixxu ruhu mad-digriet tas-Sekond' Awla u jhallas l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' l-edukazzjoni tat-tfal.

Rat ir-risposta tal-konvenut John Portelli pprezentata fit-22 ta' Jannar 1998 a fol. 19 tal-process li permezz taghha huwa talab li r-rikors hawn appena msemmi jigi michud.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Marzu 1998 a fol. 32 tal-process fejn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, cahdet l-ewwel talba f'dawk ic-cirkostanzi u sakemm ma jinbidel xejn id-digriet tas-Sekond' Awla dwar l-alimenti huwa kkonfermat u laqghet it-tieni talba u ghall-ahjar direzzjoni tal-partijiet, l-edukazzjoni tat-tfal illi qed jghixu ma' l-omm ghandha tinkludi l-kotba ordnati mill-iskola, it-trasport u uniformijiet u d-donazzjoni li tinghata kull simestru kif ukoll Lm15 ohra kull simestru ghall-oggetti ohra konnessi ma' l-edukazzjoni. Spejjez riservati.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenutypprezentata fis-7 ta’ Awissu 1998 a fol. 38 tal-process li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet reza mpossibbli minhabba l-agir irresponsabbli tal-attrici, liema haga taf ben tajjeb;

2. Illi l-esponent sofra fost affarijiet ohra nsolenzi kontinwi, garr, eccessi, sevizzi u mohqrija sija fil-konfront tieghu kif ukoll fil-konfront tal-familja tieghu. Illi biex izid mal-problemi li gja’ kienu hemm, l-attrici ma kienetx kapaci tamministra sew l-aspett finanzjarju tal-familja li taghat lok ghal-hafna tensjoni bla bzonn tort kompletament taghha;

3. Illi l-fatt li l-attrici kienet wild unika u d-dar matrimonjali kienet bieb ma’ bieb mad-dar tar-residenza tal-genituri ta’ l-istess attrici, serviet biex tfarrak iz-zwieg bejn il-partijiet bl-indhil tal-genituri ta’ l-istess attrici. Illi meta l-esponent kien qed jaghmel sforz konkret biex isir rikonciljazzjoni, l-genituri tal-attrici mhux biss ma ghenux, imma ghamlu minn kollox biex ihassru dawn l-isforzi u sahansitra ghamlu kawza civili kontra l-esponent li ma kienetx flokha, biex imbaghad ftit wara din l-istess kawza giet ceduta. Liema haga turi u tikkonferma n-nuqqas ta’ genwinita’ u responsabbilta’ da parti taghhom;

4. Illi *nonostante* l-agir irresponsabbli tal-attrici, l-esponent xorta ghamel minn kollox u kien lest biex jaghmel dak li kien mehtieg biex isalva z-zwieg tieghu liema haga ma saritx ghax l-attrici qed tkun wisq influwenzata mill-pariri u l-attitudni specjalment tal-genituri taghha;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 39 tal-process, kif ukoll il-lista tax-xhieda li tinsab ukoll esebita a fol. 39 tal-process;

Rat il-verbal taghha tal-24 ta' Settembru 1998 fejn il-Qorti innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi.

Rat ir-rikors ta' l-attrici ipprezentat fl-20 ta' Novembru 1998 a fol. 49 tal-process li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti tiddikjara, prevja okkorrendo wara illi tisma' l-psikologu Paul Sciberras, jew espert psikologu iehor imqabbad minnha, x'trattament ghandu bzonn it-tifel minuri Andrea Portelli; u sabiex tordna lill-intimat ihallas ghat-trattament illi jigi dikjarat mehtieg fl-ahjar interess tat-tifel minuri;

Rat ir-rikors ta' l-attrici ipprezentat fl-10 ta' April 2001, li permezz tieghu talbet illi l-provi kollha li ghad fadal jinstemghu minn din il-Qorti, u li din il-Qorti joghgobha tahtar u tappunta *social worker* mic-*Child Protection Unit* jew minn istituzzjonijiet ohra li jidhrilha xierqa biex tinvestiga l-allegazzjonijiet maghmula u dana fl-ahjar interess ta' l-imsemmija tfal minuri u li din il-Qorti joghgobha taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' April 2001 fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lill-konvenut, pero' laqghet it-tieni talba u innominat persuna mic-*Child Protection Unit* tal-SWDP sabiex jinvestiga l-kaz kif mitlub.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-24 ta' April 2001 fejn huwa qabel illi jigi appuntat *social worker* maghzul mill-Qorti stess u jekk ikun il-kaz, il-Qorti taghti il-kura u l-kustodja lill-esponent li qed jara lil uliedu ibaghtu minhabba l-attitudni ta' l-attrici li qed tkun irresponsabbli fil-konfront taghhom.

Rat ir-rapport ta' Caroline Grech Bonnici pprezentat fit-12 ta' Lulju 2001 u dan fir-rigward ta' xoghol li sar mit-Taqsima ghall-Harsien tat-Tfal fi hdan l-Agenzija Appogg wara li din it-Taqsima giet inkarigata minn din il-Qorti permezz ta' Digriet mahrug nhar is-17 ta' April 2001, sabiex tinvestiga l-kaz u tirrapporta bil-miktub dwar x'inhu

fl-ahjar interess tal-minuri Francesca, Andrea u Christina ahwa Portelli. Rat illi r-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport huma s-segwenti:

1. Illi Francesca, Andrea u Christine jibqghu taht il-kura u kustodja tal-omm;

2. Illi l-missier ikollu access ghal Andrea u Christina taht is-supervizzjoni darba fil-gimgha ghal saghtejn li jista' jinbidel skond il-modalitajiet tal-kaz;

3. Illi l-omm tibqa' f'kuntatt mal-YPU u taccetta li tiddiskuti l-bzonnijiet u x-xewqat ta' Francesca skond il-parir taghhom;

4. Illi Andrea jibqa' jattendi sessjonijiet mal-Psikologa Mariella Blackman skond il-htigijiet, kif ukoll li jattendu l-genituri jekk ikun hemm bzonn;

5. Illi l-missier jattendi sessjonijiet ma' Psikologa mqabbda minn din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Lulju 2001 fejn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, wara li semghet biss lir-rikorrenti u lid-difensur taghha (u dan peress illi l-intimat debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh ma deherx kif lanqas ma deher id-difensur tieghu t-tnejn msejhin diversi drabi) u wara li ezaminat bir-reqqa r-rapport tas-*social worker* Caroline Grech Bonnici f'dan l-istadju tiddeciedi r-rikors ipprezentat mill-attrici fl-10 ta' April 2001 billi taddotta fl-interess suprem tal-minuri l-ewwel erba' rakkomandazzjonijiet maghmula mill-istess *social worker* filwaqt illi tirrikkomanda lill-partijiet biex isegwu dak issuggerit fit-tieni parti tar-raba' rakkomandazzjoni u fir-rigward tal-hames rakkomandazzjoni. Fir-rigward tal-ewwel talba l-Qorti wkoll wara li semghet lid-difensur tal-attrici l-Qorti tirrevoka l-inkarigu moghti lill-Assistenta Gudizzjarja u tordna li l-kawza tinstema' quddiemha.

Rat id-dikjarazzjoni li saret mill-partijiet fil-verbal tat-30 ta' Novembru 2001 fejn huma ddikjaraw illi d-dar matrimonjali kienet parafernali ta' l-attrici.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici pprezentat fil-25 ta’ April 2002 a fol. 189 tal-process fejn talbet illi din il-Qorti joghgobha, prevja jekk ikun il-kaz, in-nomina ta’ esperti fil-materja, taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tidderigi l-esponenti fl-ahjar interess tal-minuri u sabiex tisma’ u tiddeciedi dan ir-rikors b’urgenza.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta’ April 2002 a fol. 191 tal-process fejn talab li jigi riappuntat *social worker* u/jew *experts* sabiex jergghu jisimghu t-tfal, u dan fl-assenza tal-genituri sabiex ma jkunx hemm pressjoni la da parti ta’ naha u lanqas da parti ta’ l-ohra, li tigi regolarizzata s-sitwazzjoni ghall-ahjar interess tat-tfal fil-konfront ta’ l-esponent missier, li taghti l-ordnijiet u direttivi li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz ghall-ahjar interess tat-tfal u li tisma’ u tiddeciedi dan ir-rikors b’urgenza ghax issa qed jirrizulta b’mod car li l-kampanja tar-rikorrenta hi sabiex toskura lill-esponent ghas-spejjez tat-tfal minuri.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ April 2002 a fol. 197 tal-process fejn gie nominat Dr. Joseph Cassar sabiex jezamina lill-minuri fid-dawl tal-istess rikors, u r-risposta a spejjez tar-rikorrenti, u sabiex jissuggerixxi in vista tar-rizultanzi tieghu x’inhu l-ahjar interess tal-ulied minuri.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Mejju 2002 fejn din il-Qorti appuntat lil Dr. Dorothy Scicluna, psikologu kliniku, bhala esperta addizzjonali fuq il-kaz u tordna lill-esperti biex jipprezentaw rapport konguntiv f’qasir zmien.

Rat ir-rapport ta’ Dr. Joseph Cassar u Dr. Dorothy Scicluna pprezentat minnhom fil-25 ta’ Gunju 2002, liema rapport din il-Qorti qrat b’attenzjoni kbira u qeghda hawn tirrapporta l-konkluzjoni ta’ l-istess rapport li jghid:-

*“Fil-konkluzjonijiet taghna nixtiequ nibdew biex nistqarru li ma nhossuniex f’pozizzjoni li nistghu naslu ghal decizjoni definittiva dwar il-kwistjoni ta’ l-allegat abbuz sesswali min-naha ta’ l-intimat (konvenut). Fil-fatt il-minuri*

*Francesca Portelli ghandha bizzejjed karatteristici psikologici patologici li ma jeskludux affattu li setghet gidbet. Il-patologija taghha u kif ukoll ta' hutha tista' tigi spjegata fuq livell ta' ambivalenza kbira li dawn kollha ghandhom meta jigu ghall-ghazla nterna w introspettiva tal-genituri. Huma qeghdin jinqabdu go morsa li certament qed taghmel hafna deni.*

*Ghaldaqstant inhossu li:*

*1) Jekk il-minuri Francesca Portelli tixtieq tmur lura lejn missierha, dan huwa process li ghandu jsir bil-mod u bil-galbu. Certament ma ghandux isir f'daqqa u ghalhekk il-minuri ghandha taghmel dan jew mid-dar ta' ommha jew minn xi post iehor fejn tkun qed tghix waqt li qed isir dal-process.*

*2) Il-post fejn ghandu jsir il-process ta' ntegrazzjoni lejn il-missier zgur li m'ghandux ikun sptar mentali (cjoe' 'Young People's Unit'). Jekk il-minuri tirrifjuta li toqghod ma' ommha post iehor ghandu jigi identifikat bhal per ezempju 'Programm Fejda'.*

*3) Il-process ta' ntegrazzjoni ghandu jsir b'kollaborazzjoni bejn il-psikjatra tal-minuri u l-agenzija Appogg ('Child and Family Unit') u ghandu jiehu zmien bizzejjed.*

*4) Il-minuri Francesca Portelli ghandha tibqa' taht kura psikjatrika biex din tizgura zvilupp kemm jista' jkun san.*

*5) Il-genituri kif ukoll in-nanniet materni u paterni ghandhom ikunu mghallma fuq il-problemi psikologici kbar li jaghmel il-process ta' 'double binding' li huma qed idahhlu t-tfal fih. Dan jista jsir gol-'Family Therapy Unit'".*

Rat ir-rikors ipprezentat mill-konvenut fit-8 ta' Jannar 2003 li permezz tieghu talab illi din il-Qorti takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Francesca w Andrea favurih, u li tikkancella l-manteniment allokat ghat-tfal peress li l-attrici m'hux qed tonora l-obbligu taghha u jidher li m'hijiex interessata hlief li toqghod tinki l-esponent u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

Rat ir-risposta tal-attrici pprezentata fl-20 ta’ Jannar 2003 fejn gie sottomess illi din il-Qorti ghandha tissalvagwardja l-ahjar interessi tat-tfal minuri u ghalhekk it-talbiet ta’ zewgha l-konvenut jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif diversament ippreseduta tal-24 ta’ Jannar 2003, li permezz tieghu hija cahdet it-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fir-rikors tieghu tat-8 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbali kollha tas-seduti, fosthom dak tat-8 ta’ Jannar, 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum 25 ta’ Gunju 2003.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. PROVI.</u>

Illi fis-seduta ta’ l-20 ta’ Novembru 1998 xehdet l-attrici **Jennifer Portelli**.

Illi hija tghid illi hija u l-konvenut kienu ltaqghu fl-1985 u damu gharajjes madwar sentejn. Tghid illi hija mal-ewwel indunat illi l-konvenut kien ibaghti minn *moodiness*, u li hi pprovat teghleb din il-problema. Gieli waqt l-gherusija, kien hemm xi ncidenti fejn il-konvenut kien jerfa’ jdejh fuq l-attrici. Il-partijiet izzewgu fis-17 ta’ Mejju 1986 u xahar wara z-zwieg, l-attrici harget tqila. Il-konvenut dam hafna biex accetta din is-sitwazzjoni. Tghid ukoll l-attrici illi r-relazzjonijiet sesswali ta’ bejniethom ma baqghux l-istess. Tghid illi kemm il-*verbal communication* u kemm is-*sexual communication* ma kienux jezistu. Tghid illi waqt il-*pregnancy “il-konvenut kien jikkritika l-apparenza tieghi”.* Tghid ukoll illi *“kont nippretendi li on an emotional level specjalment fil-pregnancy ghandu jghini, mentri minn dan xejn ma sibt”.* Meta twieldet it-tieni tarbija, l-attrici tghid illi l-konvenut beda jkun fizikament vjolenti maghha. Tghid illi *“il-vjolenza kienet tikkonsisti billi jaqbadli rasi u jhabbathieli mal-hajt u jobzoqli f’wicci, jikkornerjani jew*

*jghajjat ghajjat kbir f'widnejja. Meta jiena nirreagixxi r-rabja tieghu kienet tizdied jew tirdoppja. Darba minnhom tani xebgha sew u hallieli tbengila kbira fuq dahri".* Il-problemi bejn il-kontendenti, skond ma tghid l-attrici bdew sejrin mill-hazin ghall-aghar u fil-fatt kien hemm xi okkazjonijiet meta l-konvenut telaq mid-dar. Fuq suggeriment ta' xi hadd, il-konvenut beda jattendi ghand il-Psikjatra David Cassar. Meta l-konvenut rega' talab lill-attrici sabiex jerga' lura d-dar, hija kienet qaltlu li riedu jitkellmu huma t-tnejn flimkien ma' Father Christopher Farrugia. Hekk gara fil-fatt u *"l-konvenut kien ammetta li kellu l-problemi u kien qed jigi mghejjun biex jeghlibhom u kien ammetta li l-behaviour tieghu kienu r-rizultat ta' dawn is-suppressed problems".*

Illi Father Christopher Farrugia kien qieghed isegwi liz-zewg kontendenti izda wara xi ftit taz-zmien il-konvenut wera lil Father Christopher *"illi ma kienx qed jiehu pjacir bih lanqas fid-dar u mbaghad wara kien mar jiskuza ruhu mieghu*". Is-sitwazzjoni baqghet tiddeterjora aktar u f'Jannar tal-1995, l-attrici bdiet il-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Illi kien hemm xi zmien fejn il-kontendenti ppruvaw jiftehmu dwar separazzjoni bonarja, pero' din ma irnexxietx. Dan ma sehhx, l-ghaliex il-konvenut kien baghtilha ittra *"li fost affarijiet ohra kien qalli li l-grupp ('Youth Fellowship') u hu kienu talbu flimkien u li Alla, illuminah biex ma jiffirmax dan il-kuntratt".* Wara xi zmien li ghamlu mhux flimkien, il-kontendenti regghu bdew johorgu flimkien, pero' l-attrici tghid illi l-konvenut kien jghidliha illi l-*"hajja tieghu mhux maqtugha ghaz-zwieg, li kien ahjar li kieku jmur f'kunvent u jghix hajja religjuza_*.

Illi l-attrici tghid ukoll illi kien hemm problemi fir-rigward tat-tifel taghhom. Tghid illi t-tifel kien ghamel xi zmien jghix ma' missieru u dan fuq parir tal-psikologu Paul Sciberras. Pero' wara xi zmien rega' gie lura sabiex jghix maghha u maz-zewg hutu bniet l-ohra. Tghid illi l-*behaviour* tat-tifel titbiddel *"specjalment ma ohtu z-zghira ghax he tends to be aggressive maghha"*. Dwar it-tifla l-kbira taghhom, l-attrici tghid illi *"il-kbira li ghandha (12) tnax-il sena ilha ma*

*tmur tara lil missierha dawn l-ahhar sentejn u tirrifjuta li tmur tarah. Dan kemm ghax it-tifla ma thobbx tmur ghand in-nanna u kemm ghax m'hemmx bond".*

Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 1999 xehed **Father Chris Farrugia**, prodott mill-attrici. Huwa jghid illi huwa kien ilu jaf lill-attrici u dan sa minn meta kienu jmorru l-privat flimkien meta kienu ghadhom zghar. Imbaghad fl-1990 huwa ntbaghat is-Sacro Cuor bhala vici parroku u hemmhekk sar jaf lil familja Portelli kollha. Jghid illi huwa dahal fl-ambitu tal-kwistjoni bhala sacerdot u bhala *counsellor*. Dwar il-problemi li kienu jezistu, Father Chris jghid illi kien hemm *"l-ewwel nett nuqqas ta' kompressjoni bejn il-karattri"*, *"kien hemm ukoll anke kliem iebes bejniethom"*, *"anke kien hemm mument fejn Jennifer qaltli li kien hemm mumenti fejn kien hemm xi ftit vjolenza".* Jghid dan ix-xhud illi kien hemm mumenti fejn intqalu kliem quddiemu *"li kien iwegga' lil dak li jkun"*. Jghid illi *"jiena kont prezenti ghal vjolenza verbali, imma ghal dik fizika le"*. Jghid illi kien hemm certu zmien fejn l-affarijiet donnhom regghu marru ghall-ahjar u dan wara l-perjodu li rega' rritorna lura d-dar il-konvenut, izda wara li ghadda dan il-perjodu, l-affarijiet regghu bdew sejrin ghall-aghar. Jghid illi kien hemm mumenti frustranti fejn *"Jennifer kienet tghidli anke biex ikollna t-tfal kienet battikata kbira. Hi riedet it-tfal u hu ma riedx, ma hassux ippreparat u ghalhekk kien hemm dawk il-mumenti ta' tensjoni kbira wkoll"*. Father Chris jghid illi *"darba minnhom meta kien qed jitkellem b'mod familjari li esspressament John ma hassux preparat ghaz-zwieg u ghalhekk forsi r-responsabbilta' li jkun ragel mizzewweg u forsi wkoll missier ma tantx dehret"*. Jiftakar ukoll f'okkazjoni meta t-tabib Jean Pierre Cauchi kien ra lil-konvenut wara li kien ha kwantita ta' pilloli. Father Chris jghid illi prezentement il-konvenut huwa nvolut hafna fi grupp karizmatiku, u li dan biddillu hajtu. Jghid ukoll illi *"Fiz-zmien meta kien qed jibda din il-mixja ta' fidi, mhux l-ewwel darba li l-istess Jennifer Portelli qaltli li kien jara fiha u fl-ambjent tad-dar hafna xjaten. Li l-persuna ta' Jennifer kienet ix-xitan ippersonifikata. Kien hemm bidla kbira fil-hajja tieghu, bidla li ahna nsejhulha forsi bidla ta' konversjoni u ghalhekk forsi lil Jennifer Portelli, lil martu beda jaraha li*

*hija hazen, mimlija rabja u ghalhekk ippersonifikata fix-xitan".*

Illi xehed fis-seduta tad-29 ta' Marzu 1999 **William Naudi** missier l-attrici, prodott mill-istess attrici. Dan ix-xhud jghid illi d-dar ta' fejn stabbilew ir-residenza matrimonjali taghhom il-kontendenti kien taha lil bintu b'donazzjoni. Dan kien qabel ma zzewgu. Dan ix-xhud jghid illi huwa kien qal lil konvenut illi *"ghalkemm hfirtlu dak li ghamel lil binti ma ninsih qatt"*. Jghid illi *"l-ghajjat u storbju jien kont nisimghu u kien jinkwetani hafna"*. Jghid ukoll illi *"jiena smajt dagha b'Alla. B'hekk meta kien hemm missieru u staqsih ghaliex kien qed jidghi dan id-dagha kollu, il-konvenut irrispondih "ghax dak l-istil tieghi""*. Dan ix-xhud jghid illi *"ghalkemm kont nisma tifrik u ghajjat ma kontx inmur ghax qatt ma ridt nindahal".*

Illi xehed fis-seduta tal-15 ta' Gunju 1999 il-**Psikjatra Dr. David Cassar**, prodott mill-attrici. Huwa jghid illi *"il-problema ta' John kienet li kien persuna li ghandu 'low self esteem, inferiority complex' u m'ghandux fiducja fih innifsu. Din il-problema lilu ghamlitu ferm sensittiv u f'cirkostanzi fejn ahna ma nihdux ghalina, f'John, li kien sensittiv, kien jiehu ghalih hafna. Minhabba li kien sensittiv u jiehu ghalih John zviluppa hafna wgiegh u hafna rabja".* Ikompli jghid illi *"il-problemi li l-attrici kienet tiddeskrivi ta' vjolenza kemm psikologika u kemm fizika jridu jigu miftehma f'dan il-kuntest"*. Ikompli jghid illi *"il-problemi li kien hemm ma kienux problemi ta' mard mentali imma ta' problemi fil-personalita"*. Finalment jghid illi *"il-problemi ta' personalita' jirrizulta minn hafna affarijiet, mit-trobbija u anke minn dak li nitwieldu bih u anke mill-esperjenzi fil-hajja taghna, l-attitudnijiet taghna li mbaghad jaffettwaw l-ambjent".*

Illi xehed fis-seduta tat-22 ta' Lulju 1999 **Dr. Peter Attard**, prodott mill-attrici. Jghid illi huwa *general practitioner* u li jaf lill-partijiet fil-kawza l-ghaliex huwa t-tabib taghhom. Jghid illi *"niftakar li xi darba Jennifer giet ghandi b'xi injuries li setghu kienu kkawzati bi vjolenza, jigifieri kompatibbli ma' vjolenza fizika".*

Illi xehed fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 1999 **Vincent Portelli** prodott mill-attrici. Huwa esebixxa kopja ta' l-ahhar FS 3 datata 31 ta' Dicembru 1998. Il-konvenut ghandu hamest' elef sehem fil-kumpanija V&F Portelli & Sons Limited li minnhom hemm erbat' elef u hames mitt sehem li huma soggett ghal uzufrutt ta' Cecilia Portelli u r-rimanenti hames mitt (500) sehem ta' lira (Lm1) il-wiehed fuq ismu. Jghid dan ix-xhud illi l-konvenut apparti l-paga u d-*dividend* m'ghandux aktar beneficji mis-socjeta V & F Portelli & Sons Ltd.

Illi xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru 1999 **Father Ugolin Scerri** prodott mill-attrici. Jghid dan ix-xhud illi *"jiena dejjem rajt li l-konvenut kien bniedem 'on his own', jigifieri ried jholl il-problemi wahdu li jfittex ghall-gid tieghu stess".* Jghid ukoll illi *"jiena ippruvajt nirrangahom il-koppja Portelli u dejjem sibt ko-operazzjoni minn naha ta' Jennifer. Minn naha ta' John dejjem kien kif jinqeda hu, kif imur l-ahjar ghalih. Fis-sens li jghid "Dan jaqbel lili?, mela dan naghmel"*. *Fl-opinjoni tieghi John Portelli ma kienx kapaci jifforma dak il-partnership tal-hajja li jirrikjedi z-zwieg nisrani".* Jghid dan ix-xhud illi *"John qatt ma pprova jifhem is-sitwazzjoni li qieghed mat-tnejn. Fis-sens li fil-hajja mizzewga hemm tnejn minn nies jew aktar, dejjem dak li jimporta ghalih innifsu u dejjem 'on his own'"*. Jkompli jghid dan ix-xhud *"illi fil-fehma tieghi hu kien il-kagun li iz-zwieg ma irnexxiex"*.

Illi fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2000 bdiet tixhed in kontro-ezami **l-attrici**. Hija tghid illi l-hafna kliem hazin u tisbit li kien ikun hemm ma kienx jigi minnha izda hija kienet tghajru lil-konvenut meta huwa kien joffendiha personalment. Tghid illi l-konvenut qatt ma ghamel xi sforz biex jirranga s-sitwazzjoni ta' bejniethom u li kull sforz li sar kien gej min-naha taghha. L-uniku sforz li kien hemm da parti tal-konvenut kien meta pprova jintervjeni l-Monsinjur Joseph Schembri, li kien tqabbad minn missier il-konvenut. L-attrici tghid illi t-tghajjir kien jikkonsisti *"fuq il-persuna tieghi, l-intelligenza tieghi, il-genituri tieghi u f'ghajnejh, li jiena ma kontx mara bizzejjed. Kien jidghi u jghaddi kummenti personali hafna".* Dwar il-kwistjoni ta' flus u dwar il-fatt jekk l-attrici kienitx kapaci tiehu hsieb il-

flus hija tghid illi kienet tiehu hsieb li tara li l-flus iservuhom, u li meta kienet tistaqsi lill-konvenut sabiex joqoghdu bil-qieghda flimkien u jahdmu *budget*, hu kien jghidilha li ma kienx jinteressah u sabiex tiehu hsieb hi. Meta l-attrici kienet tinsisti mieghu dwar dan il-fatt, l-konvenut kienu jitilghulu u jispiccaw jargumentaw. Tghid ukoll l-attrici illi *"fil-perceptions tieghu (jigifieri l-konvenut) jiena kont qed nissoffokah. Imma hu kien jghid li ghall-ebda zwieg ma kien tajjeb"*. Dwar l-involviment tal-genituri taghha, l-attrici tghid illi *"fil-bidu nett il-genituri kienu jippruvaw jippacifikawhom l-affarijiet imma mbaghad ma baqghux"*. Il-genituri taghha, tghid l-attrici kienu gieli marru ghandhom sabiex jaraw x'kien qed jigri, u dan peress illi kienu joqoghdu bieb ma' bieb, pero' mbaghad wara l-ewwel ftit episodji, huma ma baqghux jaghmlu dan izda minflok kienu jcemplulhom. Dwar it-tfal l-attrici tghid illi meta l-psikjatra Dr. Saliba kien iddecieda li t-tifla l-kbira taghhom kellha tidhol Mount Carmel, u cjoe' fil-*Young Persons Unit*, il-konvenut kien qallha li din kienet problema taghha.  Dwar it-tifel iz-zghir u cjoe' Andrea, l-attrici tghid illi dan jghix *on and off* ma' zewgha l-konvenut. Dan it-tifel jghix perjodu maghha u perjodu mal-konvenut, pero' jqatta' aktar hin ghand il-konvenut. Kienet l-attrici li hadet l-inizjattiva li jitqabbad psikologu ghat-tifel. Dwar it-tifla l-ohra u cjoe' Christina l-attrici tammetti li kienet hija li ghal xi zmien kienet tghidilha sabiex ma tmurx tara lil-missierha, izda dan kienet taghmlu l-ghaliex l-attrici kienet koncernata w inkwetata minhabba l-attitudni li kien qed jiehu l-konvenut fil-konfront taghha. Il-minuri Christina kienet qalet lill-attrici illi *"ma rridx nghidlek l-ghala ma rridx inmur ghand missieri".* Hija kitbet ittra fejn qalet li ma tridx tkompli tara lil huha jaqla' daqqiet minghand missieru u rrakkontat il-fatti li missierha jilaqilha widnejha u jilaqilha wicca u jghidilha *"little princess"* u li hi tibza' li ha jaghmlilha bhal ohtha, Francesca. Hi kitbet li *"this is a black secret*". *"Jiena meta staqsejtha fuq l-ittra hija ma rrisponditnix. Fuq din l-ittra kellimna l-psikologu Paul Sciberras. Dan Paul Sciberras qabbadtu jiena. Meta missierha jcemplilha, hi tghidli ha mmur? U jien dejjem nghidilha ma rridekx tmur qabel ma tghidli l-ghala ma ridtx tmur dawn l-ahhar tliet xhur. Jiena kont nistaqsiha l-ghala ma rieditx tmur ma' missierha u dan minn mindu kienet*

*marret Ghawdex ma' missierha, dan ghal xi gimgha fis-sajf. It-tifla fil-prezent ghandha seba' snin. Meta nsemmilha t-tifla 'she gets upset, hysterical u she starts screaming'".*

Illi xehed bil-procedura ta' l-affidavit **il-konvenut**. Dwar l-attrici il-konvenut jghid illi *"b'kull onesta l-karattru tal-mara kien ferm differenti ghall-karattru li kelli niffaccja wara li zewwigna!"* Dwar il-kunjati tieghu jghid illi *"anke l-genituri taghha dehru normali, ghalkemm ikolli nammetti li nnutajt certi ncidenti 'l hemm u 'l hawn. Kont nosserva li l-mod kif jirragunaw kien pjuttost stramb, partikolarment omm il-mara".*

Illi jghid illi huwa kien jistieden lil martu sabiex tmur mieghu meta huwa kien ikun qieghed jipprattika xi sport biex b'hekk hija tkun tista' taghmel hbieb godda, pero' jghid il-konvenut *"hi dejjem irrifjutat"*. Jghid ukoll il-konvenut illi huwa kien jirritorna lura mix-xoghol *"ghal habta tat-3:30p.m. cirka w kif nasal kienet tilqaghni b'hafna ghajjat u nsulti, partikolarment jekk kont nasal ftit tard"*. Dwar il-kwistjoni tat-tfal, il-konvenut jghid illi kemm hu u kemm l-attrici riedu t-tfal, pero' wara li jkun ilhom madwar sena mizzewgin. Jghid illi *"l-iskop kien biex jien u l-mara jkollna l-opportunita' ninghaqdu ahjar u biex tghin ir-relazzjoni taghna bhala koppja mizzewga! Fl-istess hin, kien ikollna l-opportunita' nfaddlu peress li tfal ifissru spejjez!".*

Illi jghid li l-attrici dahket bih meta hija harget tqila madwar xahar wara li zzewgu. Jghid illi dahket bih il-ghaliex il-ftehim taghhom kien li l-attrici tohrog tqila wara madwar sena u mhux mal-ewwel.

Illi l-konvenut dwaru nnifsu jghid illi *"jien nemmen u ghadni nemmen li jien missier tajjeb, liema haga tirrizulta mill-mod li t-tfal jiehdu pjacir ikunu mieghi milli ma ommhom!"*. Dwar l-akkuzi serji maghmulin mill-attrici fid-diversi rikorsi li saru, l-konvenut iwiegeb u jghid illi *"il-mara tieghi, tul dawn il-proceduri sollevat hafna akkuzi fil-konfront tieghi ghar-rigward it-tfal, imma qed jirrizulta li dawn l-akkuzi kienu mahluqin minnha stess!"* Jghid ukoll illi meta

twieldet it-tifla kbira tal-kontendenti Francesca, kien difficli hafna ghalih li jorqod. Dan kien ghal xi perjodu ta' tmien xhur. Il-konvenut hassu dan in-nuqqas, tant illi huwa jghid illi *"ma ridtx tfal aktar"*.

Illi dwar il-kwistjoni tat-tfal, il-konvenut jghid illi huwa ftit li xejn kellu *say*, u dan fis-sens illi jekk l-attrici riedet it-tfal, hekk kien jigri.

Illi dwar il-genituri tal-attrici, il-konvenut jghid illi din hija *"haga li timmerita konsiderazzjoni"*. Jghid illi *"l-indhil tal-genituri tal-familja kien evidenti sia qabel ma zzewigna kif ukoll wara!"* Jghid ukoll illi *"darba l-mara ammettiet mieghi, li hi kellha daqshekk rabja lejn il-genituri taghha ghax hi kienet l-unika tifla, w b'hekk hallewha wahedha! Hu f'dan ir-rigward li riedet tfal, biex b'hekk tkun tista' ssawwat lil genituri taghha bihom"*.

Illi dwar ir-responsabbilta' tat-tifrik taz-zwieg, il-konvenut jghid illi ghandu wkoll jahti missier l-attrici. Di fatti jghid illi *"hu (missier l-attrici) xorta rnexxielu jfarrak il-possibilta' li nirrangaw iz-zwieg taghna, fejn fost affarijiet ohra hedded li jiehu lura l-karozza li hu kien xtara biex b'hekk il-mara ma tkunx tista' tuzaha u b'hekk ma tkunx tista' tkompli tistudja l-Universita"*. Jghid illi anke l-mara ghandha tahti ghat-tkissir taz-zwieg tant illi jghid illi *"issa qed jirrizulta b'mod car li l-problema hi l-mara w li t-tfal qed jaghmlu minn kollox biex kemm jista' jkun ikunu 'l boghod minnha"*. Jkompli jghid illi *"il-verita' hi l-hu mpossibbli li wiehed jghix mal-mara tieghi, fejn trid kollox kif trid hi, fejn fin-nuqqas, thedded"*. Jghid ukoll *"illi din is-sitwazzjoni turi li fil-fatt il-problema kienet il-mara, li ghamlet minn kollox biex tipprova turi li jien persuna vjolenti"*. Ikompli jzid u jghid il-konvenut illi *"is-sitwazzjoni tant iddegenerat, li kemm-il darba l-mara refghat idejha fuqi f'mumenti ta' tensjoni, fejn imbaghad jien irrispondejt"*. Finalment fl-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu, il-konvenut jghid illi *"nista' nghid li s-sitwazzjoni tieghi mal-mara kienet wahda sfortunata sia ghalija imma partikolarment ghat-tfal. Il-mara m'hijiex tip li wiehed jista' johloq relazzjoni maghha w iz-zmien tani parir. Dan nista' nghidu l-aktar mill-attitudni tat-tfal li hu jippreferixxu ferm li jkunu mieghi milli mal-mara w li meta*

*jkunu mieghi, qisu qed jiehdu r-ruh. Hu f'dan ir-rigward li nista' nghid li hadt ir-ruh u li qed naghmel minn kollox sabiex it-tfal igawdu s-sens tal-hajja kif qed ingawdi jien, fejn ikollhom l-opportunita' li jghixu bil-kwiet u minghajr glied"*.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi bhala ragunijiet ghall-obbjettiv taghha li titlob il-firda personali l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut zewgha s-swat, is-sevizzi, l-eccessi, il-minacci u l-ingurja gravi;

Illi min-naha tieghu l-konvenut jattribwixxi htija fl-attrici ghat-tkissir taz-zwieg. Skond hu, dan hu dovut ghall-agir irresponsabbli taghha. Jghid ukoll illi huwa sofra nsolenzi kontinwi, garr, eccessi, sevizzi u mohqrija u li l-istess attrici ma kienitx kapaci tamministra sew l-aspett finanzjarju tal-familja li taghat lok ghall-hafna tensjoni bla bzonn tort kompletament taghha. Il-konvenut jattribixxi ukoll parti mit-tort il-ghala tfarrak iz-zwieg ghall-indhil tal-genituri tal-attrici.
It-tfal tal-kontendenti, u cjoe' Francesca, Andrea u Christina ghandhom illum-il gurnata sittax-il sena, erbatax-il sena u disa' snin u nofs rispettivament.

Illi *in linea* generali din il-Qorti tibda biex tghid illi kif inhu pacifiku *"perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*" – (Ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-12 ta' Mejju 1925 fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"**). Hekk ukoll jinghad fis-sentenzi riportati fil-volum **Vol. XLVI P II p 638** meta jinghad illi *"hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni"* (Vol. XLVI P II p 638), *"purche sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugali"* (Vol. XXVI P II p 110);

Illi issa fil-kawza odjerna, l-attrici tallega li l-konvenut kien jerfa' jdejh fuqha. L-attrici tghid illi gieli waqt l-gherusija, kien hemm xi ncidenti fejn il-konvenut kien jerfa' idejh fuqha. L-istess attrici tiftakar b'incident li kien sehh wara li twieldet it-tieni tarbija tal-kontendenti u tghid illi *"il-vjolenza kienet tikkonsisti billi jaqbadli rasi u jhabbathieli mal-hajt u jobzoqli f'wicci, jikkornerjani jew jghajjat ghajjat kbir f'widnejja. Meta jiena nirreagixxi r-rabja tieghu kienet tizdied jew tirdoppja. Darba minnhom tani xebgha sew u hallieli tbengila kbira fuq dahri"*. Il-konvenut fl-affidavit tieghu stess jghid illi *"is-sitwazzjoni tant iddegenerat, li kemm-il darba l-mara refghat idejha fuqi f'mumenti ta' tensjoni, fejn imbaghad jien irrispondejt"*. Anke Dr. Peter Attard, it-tabib kuranti tal-kontendenti jghid illi *"Jennifer giet ghandi b'xi injuries li setghu kienu kkawzati bi vjolenza, jigifieri kompatibbli ma' vjolenza fizika"*.

Illi minn dak deskritt mill-attrici l-incidenti tas-swat ma kienux okkazjoni ta' darba. Anke li kieku kienet okkazjoni ta' darba, is-swat qatt ma huwa permess. Pero' f'dan il-kaz, ghandha sitwazzjoni fejn l-attrici tidher li kienet qeghda tissubixxi diversi daqqiet minghand zewgha. Illi ghalhekk jezistu dawk ic-cirkostanzi li trid il-ligi sabiex ikun hemm il-mohqrija u s-sevizzi li trid il-ligi. Ikun hemm sevizzi meta dawn ikunu *"abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza"* (Vol. IX pag. 274) u jkun hemm sevizzi meta l-agir *"joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom"* (Vol. XXXI P I p 200; Vol. XXVI P I p 246);

Illi *oltre* dan jirrizulta illi l-kontendenti ilhom ghal numru ta' snin jghixu 'l boghod minn xulxin. Il-konvenut fl-affidavit tieghu jghid illi huma ilhom jghixu separati *de facto* ghal dawn l-ahhar seba' snin. Illi jirrizulta ghalhekk illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u li l-aqwa prova ta' dan il-fatt jinsab fil-fatt illi din il-kawza ta' separazzjoni ilha kwazi seba' (7) snin ghaddejja. Dan huwa l-uniku profitt li jista' jittiehed minn dan it-tul tal-kawza bhal dik prezenti. (Ara f'dan is-sens dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza deciza minnha fis-6

ta’ Frar 1991 fil-kawza fl-ismijiet **“Mary Zerafa vs Carmelo Zerafa”**).

Illi l-attrici taddebita lill-konvenut ukoll akkuzi serjissimi u li kieku b’xi mod dawn kienu jirrizultaw, din il-Qorti kien ikollha l-obbligu li titlob lil Pulizija tinvestiga u tiehu l-passi opportuni. Dawn l-addebiti ma jirrizultawx. L-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar u l-esperta fil-psikologija klinika Dr. Dorothy Scicluna t-tnejn waslu ghall-konkluzjoni illi *“ma nhossuniex f’pozizzjoni li nistghu naslu ghal decizjoni definittiva dwar il-kwistjoni ta’ l-allegat abbuz sesswali min-naha ta’ l-intimat”.* Illi dan il-fatt addebitat lil-konvenut u li ma giex ippruvat.

Illi kif jinsab osservat *“l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom. Fil-hsieb konsiderat tal-Qorti, certament l-ingurja lancjata mill-attrici lill-konvenut u cjoe’ li zewgha kien abbuza sesswalment minn binthom jikkostitwixxi ngurji ta' certa gravita` li jweggha l-qalb u jirrendi l-konvivenza komuni difficli”* – **“Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud”**, (P.A. 30 ta' Gunju 1961);

Illi huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita akkuzi serjissimi ta’ certu portata, bhal dawk in dizamina, *una volta* mbaghad dawn ma jigux ipprovati lanqas permezz ta' xi ndizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ngurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni (Ara f’dan ir-rigward **“Sarah Formosa vs Harry Formosa”**, (A.C. 6 ta' Gunju 1969) u **“Dr. Victor Randon vs Josephine Randon”** (A.C. 19 ta' Novembru 1976) u **“Doris Mizzi vs Mario Mizzi” (**Appell, 19 ta' Mejju 2000);

Illi *oltre* dan, l-attrici fil-kawza odjerna qatt ma pprovat tizmentixxi l-akkuzi li ghamel fil-konfront taghha l-konvenut u dan ghar-rigward ta’ episodji ta’ glied u theddid kontinwu li kien ikollha hi mal-istess konvenut.

Illi ghalhekk fil-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti, iz-zwieg tfarrak principalment minhabba l-konvenut, pero’ wkoll bi htija wkoll ta’ l-attrici. Pero’, din il-Qorti tosserva li ma hemm l-ebda kontro-talba f’din il-kawza sabiex l-attrici tigi dikjarata li hija responsabbli ghall-firda b’dan pero’ li l-attrici ghandha tigi ndikata li hija wkoll responsabbli ghall-firda fit-talba taghha, u dan apparti li l-istess kontribuzzjoni ta’ htija tigi riflessa fil-kap tal-ispejjez.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri ahwa Portelli jinghad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika (li titkellem fuq l-edukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara **De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV**), sew fil-ligi vigenti (ara argument mehud mill-**artikolu 68 Kap. 23**), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (**Annali della Giurisprudenza Italiana**, Volume VII, P. II, p.39, Appell Lucca 4 ta’ Settembru 1872 in re **Buoni utrinque**), u f’dik lokali (ara Prim’ Awla Civili 8 ta’ Dicembru 1858, **Lawless utrinque**, Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta’ April 1867, **“Camenzuli vs Gatt”**, Volume IV, pagina 74, kolonna *prima in fine*; Prim’ Awla Civili 28 ta’ Jannar 1956 in re **“John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar”**; u hafna ohrajn), hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita’ u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment; (Ara **“Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe”** deciza P.A. 31 ta’ Mejju, 1958).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless”** din il-Qorti kienet qalet fis-sentenza datata 8 ta’ Dicembru 1858 illi *“la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera’ piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta’, ed a*

*tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi nghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"John Cutajar vs Amelia Cutajar et"** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 1956 illi *"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u nteress tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut"* u *"Fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess ma ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett tal-istess tfal; bhal ma ghandhiex ikollha fil-hajja ta' kuljum - kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anke jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita' li lilha jkun jappartjeni. Meta l-ghajn tar-raguni, f'xelta tal-azzjoni li bniedem jkun irid ta' bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover, impellenti versu certa linea ta' kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali; in kwantoke` li bilanci tal-mohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxih, ikun gheleb kwalunkwe konsiderazzjoni ohra li di fronte ghalih (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza"*.

Illi l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tissottometti illi t-tfal minuri Francesca u Andrea qeghdin prezentement jirrisjedu mal-konvenut u li hija ma kienetx sejra tostakola l-imsemmija zewgt it-tfal milli jghixu ma' missierhom, la din hija x-xewqa espressa taghhom. Tghid l-istess attrici illi ghal din ir-raguni hija ma hijiex sejra tinsisti fuq it-talba taghha ghall-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija zewgt itfal Francesca u Andrea, kif ukoll mhux qed tinsisti ghall-manteniment taghhom. Pero' qeghda tinsisti illi hija

jkollha l-kura u l-kustodja tal-minuri Christina u kif ukoll qeghda tinsisti ghal-manteniment ta' l-istess minuri Christina.

Illi skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit mal-att tac-citazzjoni Cristina hija l-izghar mill-ahwa Portelli u twieldet fit-12 ta' Novembru 1993. Hija ghalhekk illum-il gurnata ghandha disa' snin u nofs.

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti u dan sorretta mill-provi kif imressqa mill-partijiet, *oltre* r-rakkomandazzjonijiet ta' l-esperti minnha mahtura, illi l-attrici jkollha l-kura u l-kustdja tal-minuri Cristina b'access adegwat ghall-konvenut. Il-Qorti sejra tghid kif ghandu jkun ipprattikat dan l-access fil-parti dispozittiva tas-sentenza taghha.

Illi dwar iz-zewg ulied l-ohra, huwa opportune li jinghad li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz dak sottomess mill-partijiet dwar l-istess, jidher li l-minuri huma ta' eta' li jistghu jesprimu x-xewqat taghhom, u din il-Qorti thoss li ghandha taghmel editu ghal tali xewqat tal-istess minuri, anke fl-isfond tal-kuncett tal-interess massimu tal-istess minuri, li liema nteress huwa li l-minuri jkollhom mhux biss lehen, izda min jisma' tali lehen u desideri taghhom.

Illi dwar il-kwistjoni tal-manteniment jinghad illi ngiebet il-prova ta' kemm huwa l-introjtu tal-konvenut. Skond id-dokument li hemm a fol. 129 tal-process u cjoe' l-*Final Settlement System (FS3),* jirrizulta illi l-konvenut jippercepixxi l-ammont ta' Lm8,056 (*gross*). Wara li tinqata' t-taxxa, jifdallu Lm6,337.24c. Din kien ghar-rigward ta' l-introjtu tieghu fl-1998. Ghandu dhul iehor minn *dividend warrant* li jinaghtalu mis-socjeta' V & F Portelli & Sons Limited kull sitt xhur, u dan ta' Lm218.07 (*gross*) u f'idejh jifdallu, wara li tinqata' t-taxxa l-ammont ta' Lm141.75c ghal darbtejn. Jigifieri l-konvenut, fis-sena 1998 ippercepixxa dhul ta' bejn wiehed u iehor ta' Lm6,620.74c.

Illi din il-Qorti kif ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri"** deciza fit-28 ta' Novembru 2002 qalet illi:-

*"l-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-* ***artikolu 3 tal-Kap 16*** *li jipprovdi li :-*

*"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*

Illi skond l-**artikolu 3B tal-Kap 16** hemm stipulat illi:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali w aspirazzjonijiet tal-ulied*."

Illi skond **l-artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16** jinghad li:-

*"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-****artikolu 3 B ta' dan il-Kodici***."

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi *verso* l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond **l-Artikolu 2 tal-Kap 16** *"jerfghu r-responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom"*.

Illi certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet bhal dak odjern ta' ***pendente lite***, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 20** tal-istess Kap, u l-bzonnijiet tal-istess minuri, u fl-interess tal-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet tal-istess

minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri *verso* l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment tal-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha w abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati *ai termini* tas-**sub-artikoli** tal-istess **artikolu 20**. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li ghamlet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl-ismijiet **"Marthese Vella pro et noe vs George Vella"** deciza fit-28 ta' Frar 2003 fejn inghad illi *"l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera ntrojtu"*. Inghad ukoll f'din l-istess sentenza illi *"t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabbiltajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabbiltajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilta` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja"*. (Ara decizjoni fl-ismijiet **"Doris Tabone vs Carmelo Tabone"**, Appell, 15 ta' Dicembru 1997.

Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, pero' jista' jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri. Illi ghalhekk jekk tezisti raguni sufficjenti bhal din hawn appena msemmija, jista' jkun illi parti fiz-zwieg ikollha thallas il-manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta' zmien.

Illi ghar-rigward ta' l-obbligu tal-manteniment, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Licari vs Caroline Licari pro et noe"** deciza fis-6 ta' April 1992 qalet illi *"l-obbligu ta' l-attur li jmantni lil uliedu jigi qabel l-obbligu tal-konvenuta"*. Din il-Qorti kif diversament

ippreseduta, dwar dan l-obbligu ta’ manteniment lill-minuri qalet illi *“Illi dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut”* (Ara **“Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja”** – Cit. Nru 154/94).

Illi l-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fid-digriet moghti minnha fis-17 ta’ Marzu 1995 ordnat lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta’ Lm100 manteniment fix-xahar ghall-attrici u Lm100 manteniment fix-xahar ghat-tliet itfal tal-kontendenti. Illi in vista ta’ dak kollu li nghad ghar-rigward tad-dhul tal-konvenut, u mehud ukoll in konsiderazzjoni illi z-zewg it-tfal il-kbar u cjoe’ Francesca u Andrea ser jkunu fdati fil-kura u kustodja ta’ missierhom, hemm lok li l-manteniment moghti mill-istess Sekond’ Awla tal-Qorti Civili jigi ridott.

Illi ma ngabitx prova dwar l-beni parafernali u dotali ta’ l-attrici salv ghad-dikjarazzjoni kongunta tal-partijiet maghmula fil-verbal tat-30 ta’ Novembru 2001 fejn gie dikjarat illi d-dar matrimonjali kienet parafernali ta’ l-attrici.

## <u>IV. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli principalment lill-konvenut, minhabba swat, sevizzi, eccessi, u minacci da parti tieghu, filwaqt li jigi ddikjarat li l-attrici kkontribwiet ghall-istess firda personali, b’mod sussidjarju, minhabba ngurji gravi minnha fil-konfront tal-konvenut. Tiddikjara wkoll li principalment kawza tal-agir tal-konvenut iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tilqa’ *in parte* t-tielet talba attrici b’dan li takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Christina lill-attrici b'dan illi qed taghti dritt ta’ access lill-konvenut ghall-imsemmija minuri u dan kull nhar ta’ Tlieta u Gimgha bejn il-5:00 p.m. u s-7:00 p.m., u kull nhar ta’ Sibt jew Hadd alternattivament, bejn l-10:00 a.m. u s-6:00 p.m. Il-kura u kustodja tal-minuri Francesca u Andrea qeghda tigi fdata f’idejn il-konvenut, bi dritt ta’ access favur l-attrici kull nhar ta’ Tnejn u Gimgha bejn l-4:00 p.m. u s-6:00 p.m.

4. Tilqa’ r-raba talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tletin lira Maltija (Lm130) fix-xahar bhala manteniment kwantu ghal tmenin lira Maltija (Lm80) fix-xahar ghall-attrici personalment, u kwantu ghal hamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar ghal bintu minuri Christina. Dan il-hlas ghandu jsir billi jinqatghu direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, u jintbaghtu direttament lill-attrici fl-indirizz taghha. Il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal bzonnijiet tat-tfal minuri li qeghdin jghixu mieghu prezentement u cjoe’ Francesca u Andrea. Il-Qorti tordna li l-*employer* tal-konvenut jigi notifikat b’kopja formali ta’ din is-sentenza, a spejjez attrici.

5. Tilqa’ l-hames talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess **Kodici Civili** l-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif li wkoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit, inkluz l-applikazzjoni *in toto* tal-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

6. Tilqa’ s-sitt talba *in parte* b’dan illi tiddikjara l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet ghandha tigi xolta b’effett mi-data ta’ din is-sentenza, u tiddikjara li mill-provi prodotti ma jirrizultax li tali komunjoni kellha xi assi ta’ valur u allura ladarba dan huwa l-istat tal-provi, ma hemm xejn x’jigi likwidat u diviz.

7. Tilqa’ s-seba’ talba limitatament billi tiddikjara illi d-dar matrimonjali u cjoe’ dik li tinsab f’14, Rudolph Street,

Sliema hija proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici, izda ghal kumplament din it-talba hija michuda *stante* li ma hemmx bizzejjed provi li juru l-konsistenza ta’ l-assi dotali u parafernali ta’ l-attrici;

8. Tilqa’ t-tmien talba billi tordna lill-attur jivvaka mid-dar matrimonjali b’mod immedjat.

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u ghar-rimanenti terz mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------